**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**

**Vs**

**William Dionisios Angelo Corito**
**Christian Zahra**

Illum 2 ta' Awissu 2001.

Il-Qorti;

Wara li rat l-akkuzi kontra William Dionisios Angelo Corito mgharuf bhala Billy ta' 23 sena bin Emanuele u Giorgia nee' Borg, imwieled il-Grecja, fid-29 ta' Settembru 1977 u li joqghod Vassallo Flats/1 St. George's Street, Gzira/ Joseph/3, Triq il-Gzira, bin-numru tal-karta tal-identita' 367398 M;

U kontra Christian Zahra ta' 27 sena, bin Louis u Giovanna nee' Sultana imwieled Pieta' fl-14 ta' Frar 1974 u li joqghod 27 Triq Santa Rita, Tas-Sliema, bin-numru tal-karta tal-identita' 152974 M;

Talli f'Tas-Sliema nhar it-2 ta' Lulju 2001 ghall-habta tas-1.00pm, ikkomettew serq liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur, huwa ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000);

Ukoll talli fl-istess data kellhom fil-pussess taghhom id-droga heroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar medicini perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Oridnanza u meta ma'kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw, jew li jfornu d-droga msemmija u meta ma' kienux b'xi mod iehor tal-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli tal-1939 dwar kontroll intern tad-droggi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli wkoll fl-istess data u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghom medicina specifikata u psikotropika meta ma' kienux awtorizzati kif imiss, bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentament emendat u 40 (a) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-ordinanza dwr professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhatal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

Lil William Dionisius Angelus Corito,  talli fil-Gzira nhar l-20 ta' Lulju 2001, ikkommetta serq ta' mobile phone liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira maltin (Lm1000).

U lil Christian Zahra wahdu talli kiser il-kundizzjoni imposta fuqu b'sentenza, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar id-29 ta' Jannar 2001.

Wara li rat ir-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939),kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-ordinanza dwaril-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 5 (1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(a) u 120 (A) u t-tielet skeda tal-ordinanza dwar professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu

maghha tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib liz-zewg imputati hatja ta’ kif akkuzati mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-imputat William Dionisious Angelo Corito, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien tliet (3) snin millum  u a tenur tal-Artikolu 5, qeghda tahtar lill-Probation Officer Marietta Lanzon, sabiex issegwi l-passi tieghu u tirraporta lil din il-Qorti kull sitt xhur.

Ghar-rigward tal-imputat Christian Zahra, din il-Qorti tinnota illi din mhix l-ewwel darba li xellef difrejh mal-gustizzja, u ghaldaqstant, qeghda tikkundannah ghall-multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300), b’sitt xhur zmien ghall-pagament.

Il-Qorti qeghda wkoll tordna l-konfiska u distruzzjoni tal-medicina ezebita.

MAGISTRAT.